

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-5 ta' Frar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo

(Kawża C-282/08) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/29/KE — Prattiċi kummerċjali żleali — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2009/C 82/14)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: W. Roels u W. Wils, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo (rappreżentant: C. Schiltz, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew jikkonforma, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("direttiva dwar il-prattiċi kummerċjali żleali") (ĠU L 149, p. 22)

Dispożittiv

- 1) Billi m'adottax, fit-terminu previst, il-ligjijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, u d-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("direttiva dwar il-prattiċi kummerċjali żleali"), il-Gran Dukat tal-Lussemburgo naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-Direttiva.

- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 209, 15.8.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-5 ta' Frar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Finlandja

(Kawża C-293/08) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/83/KE — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2009/C 82/15)

Lingwa tal-kawża: Il-Finlandiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Condou-Durande u I. Koskinen, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' citta' nazzjonali ta' pajiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 304, p. 12).

Dispożittiv

- 1) Billi m'adottax, fit-terminu previst, il-ligjijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' citta' nazzjonali ta' pajiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twetaq l-obbligi tagħha taħt din id-Direttiva.
- 2) Ir-Repubblika tal-Finlandja hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 223, 30.8.2008.